MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011

Numru. 935/2011

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Anouchka Jane Lanvin, bint Frefric, imwielda Franza fis-16 ta’ April, 1993, Karta ta’ l-Identita franċiza numru 110380202601
u
Juliette Constance, bint Frederic, imwielda Franza fl-10 ta’ Mejju, 1994, Karta ta’ l-Identita franċiza numru 090777200288

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fit-12 ta’ Awwissu, 2011 għal ħabta tas-2.15 a.m. fi Triq id-Dragunara, San Ġiljan:
1. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBN 379 għad-

dannu ta’ Ian Chircop u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex l-€1,164.69 imma iżjed minn l-€116.47;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Awwissu, 2011 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------